# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 18 ta' Marzu 2016**

**Kawża Nru: 1**

**Rikors Ġuramentat Nru: 268/ 07 JA**

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2007 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

1. Illi hi żżewġet lil konvenut C B fl-______________________ *(omissis)*, kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A'.

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldet D B fil-15 ta' Settembru 1999 (Dok 'B').

3. Illi l-konvenut irrenda ruħu ħati *verso* l-attriċi ta' diversi tortijiet fosthom eċċessi, inġurji u nġurji gravi, sevizzi u moħqrija kif ukoll ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni.

4. L-attriċi ġiet debitament awtorizzata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tipproċedi għas-separazzjoni personali minn ma' żewġha (Dok 'C');

5. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet imputabbli għall-istess intimat u li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni.

2. Tiffissa u tordna l-ħlas ta' manteniment xieraq għall-attriċi u għal-minuri D B b'dawk il-modifikatijiet minnha ordnati.

3. Tiffissa aċċess raġjonevoli għall-konvenut versu l-minuri.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

5. Tillikwida l-istess komunjoni ta' akkwisti f'żewġ porzjonijiet u tassenja waħda lil kull parti.

6. Tordna r-restituzzjoni tal-assi parafernali lill-attriċi.

7. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att pubbliku, tiffissa jum, ħin u lok għall-istess u tinnomina kuratur deputat sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat ir-risposta ġuramentata li tinkludi wkoll kontro-talba preżentati mill-konvenut fit-2 ta' Ġunju 2008, fejn ġie eċċepit u premess:

1. Illi għalkemm l-esponenti jaqbel illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u li għandha tiġi pronunzjata l-firda personali, huwa pero' jeċċepixxi illi r-raġunijiet għal dan huma imputabbli unikament għall-attriċi apparti mill-fatt li kien hemm inkompatibilta' ta' karattru bejn il-kontendenti. Dan kollu ser jirriżulta waqt il-kors tal-kawża u kif mitlub mill-eċċipjenti fil-kontro-talba tiegħu.

2. Illi rigward it-tieni talba, għal dak li jirrigwarda t-talba għall-manteniment tal-attriċi nnifisha, l-eċċipjent qed jipproponi talba għall-dekadenza tagħha minn tali dritt fil-kontro-talba li qed tiġi ppreżentata kontestwalment. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju l-eċċipjenti jirrileva li fi kwalunkwe każ, l-attriċi għandha mezzi biżżejjed sabiex tmantni lilha nnfisha. Illi għal dak li jirrigwarda l-manteniment tat-tifla minuri, l-eċċipjenti jaqbel għal tali talba *purche* l-ammont deċiż ikun jirrispekkja l-obbligu mpost mil-liġi ugwalment fuq iż-żewġ ġenituri li jmantnu lill-uliedhom skond il-mezzi rispettivi tagħhom.

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, l-eċċipjenti jsostni illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-kura u kustodja legali tal-minuri għandha tibqa' konġunta pero' ma jsibx oġġezzjoni li l-minuri tkun fil-kura fattwali tal-attriċi bi drittijiet xierqa ta' aċċess favur l-istess eċċipjenti.

4. Illi r-raba' talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u l-ħames talba għall-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet u l-assenjazzjoni ta' waħda minnhom lil kull parti ma humiex opposti b'dana pero' illi għandu jiġi kkunsidrat illi kienet l-istess attriċi illi ġabet u hija ħatja tat-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ.

5. Illi l-eċċipjenti ma jopponix ruħu għas-sitt talba b'dana pero' fi kwalunkwe każ għandu dejjem jiġi pprovat liema huma l-oġġetti parafernali tal-attriċi u b'riserva illi l-istess għandu jsir fir-rigward tal-beni parafernali tal-eċċipjenti.

6. Illi s-seba' talba hija opposta *stante* illi l-eċċipjenti qatt ma ta lok għad-dekadenza mitluba, anzi kienet l-attriċi, kif ingħad li b'għemilha ġabet it-tifrik tal-ħajja miżżewġa.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ma hemm l-ebda oġġezzjoni għat-tmien talba.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha ppremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-__________________ *(omissis)* u minn dan iż-żwieġ twieldet D B fil-15 ta' Settembru 1999.

2. Illi minħabba inkompatibilta' ta' karattru u minħabba sevizzi, eċċessi, theddid u nġurji gravi da parti tal-attriċi versu l-konvenut, il-ħajja matrimonjali ta' bejniethom ma għadhiex aktar possibbli.

3. Illi minħabba t-tortijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti, l-attriċi ddekadiet mid-dritt li tesiġi manteniment mingħand il-konvenut.

4. Illi minħabba l-imsemmija tortijiet tal-attriċi, għandhom ukoll jkunu applikati kontra tagħha d-dekadenzi l-oħra kontemplati fil-Kodiċi Ċivili.

5. Illi fl-aħjar interess tal-minuri din tibqa' fil-kura u kustodja konġunta tal-partijiet.

6. Illi l-konvenut jixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu tiġi xjolta u likwidata bl-applikazzjoni kontra l-attriċi tad-dispożizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

7. Illi l-konvenut qed jistitwixxi din l-istanza bis-saħħa tal-awtorizzazzjoni ottenuta minn martu fis-26 ta' April 2007 (digriet ġja' esebit bħala Dok 'C').

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi u nġurji gravi

kommessi mill-attriċi kontra żewġha u minħabba inkompatibilta' ta' karattru.

2. Tiddikjara illi l-attriċi ddekadiet mid-dritt li tirċievi manteniment mingħand il-konvenut.

3. Tassenja lill-partijiet il-kura u l-kustodja legali konġunta tal-minuri D B u jiġi ffissat aċċess xieraq lill-konvenut.

4. Tapplika kontra l-attriċi l-effetti kollha tal-artikolu 48 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u kull komunjoni ta' proprjeta' eżistenti bejn il-kontendenti, u tordna li l-oġġetti mobbli u immobbli hekk appartenenti komunament lill-kontendenti jiġu maqsuma f'żewġ porzjoniiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tal-pretensjonijiet parafernali tal-konvenut likwidati kif mitlub aktar 'l isfel f'dan l-att, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina l-Qorti bħala d-data meta l-istess attriċi għandha tkun ikkonsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati waħda lill-attriċi u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo għall-finijiet ta' din it-talba jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba, jipproponu pjan ta' diviżjoni, nutar biex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-attriċi tikkonsenja lill-konvenut l-beni kollha partikolari ossija parafernali tiegħu li jinsabu fil-pussess tagħha jew altrimenti huma goduti minnha.

7. Tillikwida l-pretensjoni parafernali tal-konvenut kontra l-komunjoni tal-akkwisti u / jew kontra l-ġid parafernali tal-attriċi u tordna lill-attriċi tħallas is-somom hekk likwidati anke billi għall-fini ta' dina t-talba l-krediti tal-konvenut hekk eventwalment likwidati jiġu nkorporati fl-iskema tad-diviżjoni tal-ġid komuni tal-kontendenti.

8. Tawtorizza lill-konvenut illi jirreġistra ossija jniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-medjazzjoni kontra l-attriċi illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' A B għall-kontro-talba tal-konvenut ippreżentata fit-8 ta' Awissu 2008, fejn ġie eċċepit u premess:

1. Illi għalkemm huwa minnu li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok għal separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dan pero' ġara biss minħabba tortijiet u ħtijiet unikament u esklussivament imputtabbli lill-konvenut rikonvenzjonat hekk kif indikat fir-rikors attriċi. Di fatti l-esponenti qiegħedha għall-darba oħra tirreferi għal u tikkonferma dak kollu minnha dikjarat u mitlub fir-rikors attriċi, u kwindi l-kawżali u talbiet msemmija fil-kontro-talba tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda *in toto*.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-*affidavits* preżentati mill-partjiet u l-verbali tas-seduti miżmuma kompriżi dawk li saru quddiem l-assistenti ġudizzjarji;

Rat id-digrieti tagħha senjatament dawk tat-18 ta' Lulju 2010 (fol 587) fejn b'effett mill-1 ta' Awissu l-manteniment għall-minuri jiġi ridott għal €240 fix-xahar; tal-14 ta' Diċembru 2012 mogħti f'kawża separata bejn l-istess partijiet (fol 647) li permezz tiegħu ż-żwieġ tal-partijiet ġie dikjarat maħlul; u dak tas-17 ta' Ġunju 2014 (fol 860) fejn fir-rigward tal-aċċess ordnat li jkun liberu bi ftehim mal-istess minuri;

Semgħet ix-xhieda dwar rikorsi preżentati fil-mori tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attriċi.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-18 ta' Marzu 2016.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut. Min-naħa tiegħu, il-konvenut b'kontro-talba qed jitlob l-firda personali minħabba l-aġir tal-attriċi. Għalkemm il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw, huma iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin.

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tifla li għadha minorenni.

**RESPONSABBILITA' GĦAS-SEPARAZZJONI**

Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ.

Illi l-**attriċi** fl-*affidavit* esebit a fol. 37 tagħha *inter alia* tirrileva illi:

*"He looses his temper in a very fast manner which scared me for years, that's why it took me so long to go away from him.*

*I was living in fear all the time not knowing what attitude to adopt to avoid "explosions" from his side.*

*He gets ferociously angry for very little details, over-reacting about trivial and going to the point of braking things around him…*

*… If I disagreed, all our discussions turned into verbal violent arguments very fast, and if I kept my position and did not avoid further over-reacting by obeying, things would go physical.*

*It went to strong physical violence in two occasions, the first one I got hurt very badly in my back because he crashed me against the steps of the marble stairs, and the second time he hanged me with one hand until I suffocated and stop moving completely, I carried two enormous bruises and pain on my neck for the next three weeks, visible to all, his family just laughed about it.*

*Unfortunately I got very scared once more and I did not go to hospital or a doctor, in order to get proves of it. And I did not want to believe that it had happened, and things were so bad."*

Illi l-attriċi tirrileva illi l-konvenut jirribatti fl-*affidavit* tiegħu (fol 395) billi jgħid:

*"... tlabtha l-arloġġ forsi tieqaf u hi qaltli: "You want it take it, you can break it if you want" u jien dak il-ħin ħarqitni u hekk għamilt, qbattu u waddabtu mal-ħajt li kien hemm viċin u kissirtulha...*

*Darbtejn kulma għamilt huwa li mbuttajtha għax hi min-naħa tagħha hija aggressiva ħafna miegħi, tgħajjat ġo wiċċi u tisfidani biex noqtolha; rinfaċċjat minn din is-sitwazzjoni provokattiva jiena ma kellhiex triq ħlief li nimbuttaha ħalli noħroġ 'il barra mid-dar ħalli ma nispiċċax fl-inkwiet."*

Illi l-attriċi ssottomettiet li l-mod deplorevoli li l-konvenut kien jitrattaha, li mhux talli kienet spiċċat vittma ta' vjolenza psikoloġika u fiżika, talli addirittura, kif jirriżulta mill-provi, l-aġir tal-konvenut wassal sabiex l-attriċi tiġi iżolata minn kwalsiasi forma ta' ħajja soċjali u b'kuntatt minimu mal-qraba tagħha.

Illi dwar l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-attriċi kienet hi illi tat lok għall-firda, l-unika spjegazzjoni illi jagħti l-konvenut huwa billi jipprova jdawwar d-deċizjoni tal-attriċi li wara snin ta' vjolenza psikoloġika u fiżika, bdiet proċedura ta' separazzjoni u ħalliet id-dar matrimonjali sabiex tħares tagħha u ta' bintha, għal xi forma ta' abbandun. L-attriċi tissottometti illi wara li għamlet minn kollox biex issalva ż-żwieġ u meta wara ħdax-il sena ma kienx aktar possibbli minħabba l-attitudni tal-konvenut, spiċċat kellha titlaq mid-dar li fiha kienet tgħix u ssib tikri post alternattiv.

Għaldaqstant, l-attriċi ssottomettiet illi l-konvenut kien ħati għall-firda għar-raġunijiet mogħtija fl-artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u talbet lill-Qorti, *ai termini* tal-artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta tapplika l-effetti tal-artikolu 48 fil-konfront tal-konvenut.

Illi l-**konvenut** min-naħa tiegħu fl-*affidavit* esebit a fol.395 u mix-xhieda tiegħu jissottometti illi l-attriċi la kienet taf u lanqas riedet tifhem l-obbliġi tal-ħajja matrimonjali. Ta' spiss, għal kull haga ta' xejn kienet titlewwem mal-konvenut, u tagħmel jiem jew ġimgħat ma tkellmux. Il-konvenut jissottometti illi l-karattru esiġenti tal-attriċi beda joħroġ biċ-ċar meta xtraw l-appartament ta' ___________________ *(omissis),* u wara li l-konvenut għamel ġimgħat sħaħ jirranġah, ikaħħal u jbajjad, qaltlu li kienu ħa jgħixu hemm biss temporanjament u mhux għal dejjem. Il-konvenut isemmi ċirkostanzi fejn l-attriċi għall-inqas għall-ewwel sitt xhur lanqas iżomm lit-tifla biex taħsilha ma kienet tkun trid. Il-konvenut issottometta illi l-għawġ kiber meta l-attriċi wara biss ftit snin ta' żwieġ, u bit-tarbija ta' ftit xhur riedet tiċċaqlaq għal dar oħra ikbar, għaliex riedet dar lejn ______________ *(omissis),* b'erbat ikmamar tas-sodda. Il-konvenut jgħid li kkuntentaha u l-partijiet daħlu fit-tieni post meta kien għadu għeri għal kollox u ma kien hemm tagħmir ta' xejn – u jgħid li dan kien kollu frott il-fissazzjoni tal-attriċi li tmur toqgħod f'dar ġdida u kbira. Il-konvenut jilmenta illi l-attriċi kienet tgerger b'mod kontinwu għax kien hemm il-ħmieġ, filwaqt li kienet tkun indifferenti għall-akbar xogħlijiet li kien jagħmel. Il-konvenut jagħmel referenza għall-*affidavit* tiegħu li huwa jissottometti li minnu għandu jirriżulta min kien verament responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ. Il-konvenut jagħmel referenza għax-xhieda u verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2013 li huwa jgħid illi l-attriċi anke waqt li tixhed tpoġġi ruħha f'sitwazzjoni ta' antipatija u konfrontazzjoni li huwa jgħid jindika l-karattru diffiċli tal-attriċi li tirrelata man-nies, fosthom miegħu stess. Jagħmel referenza għall-*affidavit* tiegħu fejn huwa jsemmi għadd ta' inċidenti li juru biċ-ċar il-karattru tal-attriċi. Il-konvenut irrileva illi kulma kien jaqla' kien jgħaddih lill-attriċi, salv għal xi ammonti żgħar li kien iżommhom għal spejjeż li ried iħallas hu. Il-konvenut irrileva illi l-attriċi kellha relazzjoni

ma' persuna oħra skont ix-xhieda tagħha tas-16 ta' April 2013 minn Novembru 2012 (waqt li l-Qorti ddikjarat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet fl-14 ta' Diċembru 2012). *Inoltre* l-konvenut jirrileva illi wieħed għandu jqis il-mod kif l-attriċi (apparti l-karattru tagħha li għamilha estremament diffiċli biex wieħed jgħix il-ħajja miżżewġa), abbandunat id-dar matrimonjali għal kollox, bl-iskuża ta' vjolenza subita minnha – ħaġa li l-konvenut kategorikament jiċħad li qatt kien hemm. Għaldaqstant issottomettta illi l-effetti tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 għandhom jiġi applikati kontra l-attriċi u mhux bil-kontra.

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti kollha proċesswali, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba inkompatibilita' ċara ta' karattru u l-mod ħażin kif huma indirizzaw il-problemi li feġġew matul iż-żwieġ. Id-depożizzjonijiet ċitati jindikaw sewwa l-problemi li kellhom il-partijiet.

Il-Qorti tosserva illi l-allegazzjonijiet ta' adulterju magħmula mill-konvenut fil-konfront tal-attriċi qabel ma ġie pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet ma ġewx pruvati fil-mori tal-kawża.

Illi *inoltre* l-konvenut jissottometti illi l-attriċi abbandunat d-dar matrimonjali. Min-naħa tagħha l-attriċi tammetti illi hija telqet mid-dar, imma hija tgħid li dan għamlitu peress illi kienet maħkuma minn biżgħat naxxenti minn aspetti karatterjali tal-konvenut, u hija xtaqet ħajja aħjar għaliha u għal bintha.

Illi għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet jaħtu t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita*

*comune'*. (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** deċiża mill-Prim Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

Illi madanakollu l-Qorti hi tal-fehma li l-problemi fiż-żwieġ bejn il-partijiet komplew jikbru minħabba l-karattru volatili tal-konvenut li huwa stess jammetti illi mbuttaha almenu f'żewġ episodji bħala reazzjoni għall-provokazzjoni tagħha, u dan irendi lill-konvenut ċertament ħati ta' nġurji gravi skond il-liġi, u kwindi l-Qorti se taddossa żewġ terzi mit-tort lilu. Dan naturalment imbagħad ikun rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Illi fil-fehma tal-Qorti jirriżultaw l-estremi li jiġu applikati l-artikolu 48 *et sequitur* tal-Kodici Ċivli fil-konfront taż-żewġ partijiet.**

**KURA U KUSTODJA**

Illi preżentament l-attriċi għandha l-kura u l-kustodja tal-minorenni u ma jidhirx illi hemm oġġezzjoni għal dan il-fatt da parti tal-konvenut, salv dak li ser jingħad dwar l-aċċess. Għaldaqstant din il-Qorti tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minorenni tibqa' għand l-attriċi. Dwar l-aċċess tal-konvenut, il-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom qablu li jibqgħu fis-seħħ il-provvedimenti kontenuti fid-digriet tas-17 ta' Ġunju 2014 (fol 860), u ċjoe' li dan għandu ikun liberu bi ftehim mal-istess minuri.

**MANTENIMENT**

Illi l-Qorti tosserva illi l-attriċi rrinunzjat formalment għall-manteniment għaliha nnifisha f'paragrafu 8 tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (fol 883-884) u għalhekk din il-Qorti m'għandix bżonn tikkunsidra aktar din it-talba.

Illi dwar il-manteniment għal minorenni din il-Qorti tosserva illi *pendente lite* b'digriet tat-18 ta' Lulju 2010 (fol 587) l-manteniment għall-minuri ġie ridott għal €240 fix-xahar. Da

parti tagħha l-attriċi f'paragrafu 7 tan-nota ta' sottomissjonjiet tagħha (fol 883) talbet illi dan il-provvediment jiġi kkonfermat fid-deċiżjoni finali. Il-konvenut da parti tiegħu jissottometti (fol 904),

*"L-esponent dak li għandu xi jgħid dwar il-manteniment tat-tifla huwa illi dan il-manteniment għandu jirrifletti l-qliegħ kemm tiegħu kif ukoll dak tal-attriċi. Kif għadu kemm ingħad, l-attriċi taħdem u għandha obbligu daqs l-esponent li tmantni lit-tifla. Iktar minn hekk, aktar ma jmur, l-attriċi għandha l-possibbilta' li ttejjeb l-impjieg tagħha għax għamlet kors universitarju u issa qiegħda wkoll f'kors post-universitarju f'livell ta' Masters. Dan apparti li għandha wkoll il-liċenzja għal gwida turistika kif irriżulta mill-atti[1]."*

Illi iżda l-Qorti ma taqbilx illi kien hemm xi kambjament fiċ-ċirkostanzi li jimmerita varjazzjoni fil-manteniment u għaldaqstant tikkonferma illi l-manteniment għall-minuri ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240) fix-xahar.

## ASSI MATRIMONJALI

Illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-beni parafernali, l-attriċi għamlet referenza għall-elenku minnha ppreżenta fl-atti tal-proċeduri a fol. 356 *et seq.* tal-istess, b'riserva għal kwalsiasi awment fil-valur tal-proprjeta' immobbli mid-data tal-istima annessa mal-istess elenku u talbet lil Qorti tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet.

Illi da parti tiegħu l-konvenut dwar l-effetti mobbli li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti għamel referenza għan-nota minnu ppreżentata (Dok 'KCY1' fol 910).

## ID-DAR MATRIMONJALI

[1] Xhieda ta' Dr Michael Camilleri – seduta tal-11 ta' Diċembru 2012

Illi f'dan ir-rigward il-konvenut għamel referenza għall-kuntratt tal-akkwist tal-istess fond li nxtara fl-14 ta' April tas-sena 2000 b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Elizabeth Sciriha (Dok. 'KCX1' anness mar-rikors tal-esponent tad-9 ta' April 2014). Irrileva illi fuq il-fond saru żewġ stimi *ex parte* tiegħu, waħda tal-Perit Mario Cassar inkarigat mill-attriċi, u oħra mill-Perit Lino Cachia da parti tal-konvenut. Irrileva *inoltre* illi sabiex ikun jista' jinbiegħ dan il-fond, jeħtieġ li jsiru xi spejjeż konsistenti f'applikazzjonijiet mal-MEPA. Issottometta illi peress illi r-rapport tal-Perit Cassar ilu li sar ma jirriflettix il-prezz tas-suq tal-fond matrimonjali. Għaldaqstant il-konvenut talab lil Qorti tqis il-valutazzjoni magħmula iktar riċentement mill-perit tal-fiduċja tiegħu.

Illi l-Perit Mario Cassar (Dok 'MC' fol 360) ivvaluta l-fond matrimonjali fir-rapport datat 31 ta' Awissu 2009 prodott mill-attriċi, kif gej:

*"<u>Valutazzjoni tal-proprjeta'</u>*

*Wara li l-esponent ikkunsidra l-fatturi rilevanti kollha nklużi l-lokazzjoni, t-tip u d-daqs tal-fond, u l-kwalita' tal-finishes u l-prezz ta' proprjetajiet simili fl-inħawi, hija l-fehma tiegħu illi l-prezz preżenti tas-suq jammonta għal €221,350."*

Illi mill-banda l-oħra, il-Perit Lino Cachia (Dok 'KCX8' fol 901) ivvaluta l-fond *de quo*, fir-rapport tiegħu datat 12 ta' Marzu 2015 prodott mill-konvenut, kif gej:

*"The market value of this terraced house is being established at €280,000.00 (two hundred and eighty thousand euro) on the open market."*

Illi *inoltre* f'rapport separat (Dok 'KCX7' fol 899) li jikkontenji l-ispejjeż involuti biex id-dar matrimonjali tiġi regolarizzata skont il-liġi:

*"QUOTATION*

1. *Submission of a CTB request (building concession)*
   *MEPA FEE = €250*
   *PROFESSIONAL FEES = €280*
   *VAT = €50.40*
   ***Total amounts to €580.40***

2. *Submission of DNO*
   *MEPA Fees = €120*
   *Professional Fees = €300*
   *VAT = €54*
   ***Total amounts to €474."***

Illi fix-xhieda tiegħu l-istess konvenut jispjega hekk fuq dan ir-rapport (fol 893):

*"Jekk il-MEPA taċċetta l-building concession ma jkunx hemm bżonn li jsir DNO. Jekk ma jiġix aċċettat l-building concession irridu nallsu tad-DNO wkoll. Fl-agħar ipoteżi qed nitkellmu fuq spejjeż ta' €1,054.40."*

Illi din il-Qorti tqis li l-proprjeta' għandha tinbiegħ a bażi tal-aħjar prezz indikat, u ċjoe' €280,000 u r-rikavat wara li jitħallas dak li se jkun indikat aktar 'il quddiem, jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti.

**SELF MAL-BANK**

Illi l-konvenut jissottometti (fol 905) illi ilu għall-aħħar seba' snin iħallas is-self fuq il-fond matrimonjali waħdu lil HSBC Home Loans (Malta) Limited. Il-konvenut esebixxa

rendikont (Dok 'KCX6' fol 896) tal-kont bankarju 058-159104-050 mal-HSBC li bih sa minn Diċembru 2007 beda jħallas s-self għall-fond matrimonjali meta dan kien self miż-żewġ. Jispjega illi f'kull xahar r-rendikont surreferit juri entrata fejn permezz ta' ġbid minn kont partikolari titħallas somma favur is-self. Il-konvenut għalhekk talab li l-attriċi tħallas lura nofs is-somma mħallsa minnu għas-self, kif indikat fir-rendikonti tal-kont tal-bank. Huwa spjega illi l-ħlas li sar bejn Diċembru 2007 u Jannar 2016 jammontaw għas-segwenti:

*"House Loan:*
*96 xahar x €243.41 kull xahar = €23,367.36 ÷ 2 = €11,683.68*

*Loan Insurance*
*96 xahar x €40.37 kull xahar = € 3,875.52 ÷ 2 = €1,937.76*

*Total*
*96 xahar x €283.78 kull xahar = €27,242.88 ÷ 2 = €13,621.44*

*L-ammont dovut mill-attriċi s'issa għalhekk huwa ta' tlettax-il elf, sitt mija u wieħed u għoxrin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€13,621.44).*

*Illi f'kull każ ikun ġust illi l-bilanċ tal-loan issa jibqa' jitħallas mill-partijiet fi kwoti ugwali u mhux aktar mill-konvenut waħdu – u jkun opportun li jkun hemm pronunzjament tal-Qorti f'dan ir-rigward."*

**Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut għandu jitħallas dan l-ammont għaliex in effetti s-separazzjoni seħħet b'effett mill-2007.**

**Vetturi u Muturi**

Il-partijiet isemmu dawn:

1. Vettura Daihatsu Terios numru ta' reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)*;

2. Vettura Toyota Vitz numru ta' reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)*;

3. Mutur Kawasaki.

Illi l-Qorti tirrileva illi l-partijiet ma pprovdew l-ebda stimi tal-istess.

Illi l-konvenut fin-nota minnu esebita (fol 910) jispjega dwar id-Daihatsu Terios illi din inxtrat madwar sena qabel mal-attriċi telqet mid-dar u omm konvenut kienet ħallset depożitu ta' ħames mitt lira Maltin (Lm 500). Din il-Qorti tirrileva illi ma nġiebet l-ebda prova ta' dan. Spjega illi meta telqet hija xtrat it-Toyota Vitz. Imma għal darb'oħra m'hemmx evidenza ta' dan in atti. Dwar il-mutur il-konvenut li dan inxtara qabel iż-żwieġ bħala rigal mill-attriċi lill-konvenut. Iżda similment m'hemm l-ebda prova ta' dan.

**MOBBLI OĦRA**

Illi din il-Qorti tinnota illi l-partijiet jagħmlu referenza għal mobbli varji bhal għamara, *appliances* u għodod, iżda ma ġew ippreżentati l-ebda riċevuti. Għaldaqstant il-Qorti tordna illi dawn jinbiegħu u r-rikavat tagħhom jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**KONTIJIET BANKARJI**

Illi l-partijiet għandom is-segwenti kontijiet konġunti:

(i) Kont mal-HSBC plc, *savings* bin-numru ___-______-___ *(omissis)* li kellu bilanċ ta' €8.60 (Dok. 'HB' fol 364);

(ii) Kont mal-BoV plc, *savings* bin-numru __________ *(omissis)* li kellu bilanc ta' € 2.26 (Dok. 'BV' fol 365);

(iii) Kont mal-APS Bank, *savings* bin-numru _________-_ *(omissis)* li kellu bilanc ta' €16.08 (Dok. 'AP' fol 366).

Illi fis-seduta tal-4 ta' April 2013 (fol 651) u reġa' xehed fis-seduta tas-26 ta' April 2013 (fol 655), Romuald Attard in rappreżentanza tal-Bank of Valletta fejn ingħad illi mir-riċerka rriżulta illi kien hemm żewġ kontijiet miżmuma mill-attriċi Ale B, ma' terzi:

(a) Numru tal-kont __________ *(omissis)* b'bilanċ ta' €5,00 li nfetaħ fid-9 ta' Awissu 2010;

(b) Numru tal-kont __________ *(omissis)* b'bilanc ta' €205.60 li nfetaħ fit-2 ta' Jannar 1997.

Illi għalhekk il-Qorti tordna illi l-kontijiet bankarji imsemmija għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, ħlief għall-aħħar tnejn li minnhom għandhom jinqasam in-nofs.

**HSBC LIFE ASSURANCE POLICY**

Illi min-nota esebita mill-attriċi jidher illi hemm polza li titħallas bir-rata mensili ta' €40.37.

**DANNI / KUMPENS**

Illi l-attriċi qed tippretendi li tkun kumpensata għal spejjeż li hija qed tgħid inkorriet minħabba l-aġir tal-konvenut:

(i) Kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti fejn il-ġenituri taw l-ammont ta' €5,823.23 li hija qalet intużaw għal xogħlijiet ġewwa d-dar matrimonjali.

Illi għal darb'oħra l-Qorti tinnota illi ma hemmx prova li flus verament ġew versati, u li effettivament intużaw għad-dar matrimonjali għax ma hemm l-ebda riċevuti in atti.

(ii) L-attriċi tgħid illi minħabba l-fatt illi l-konvenut ħalla d-dar matrimonjali tiddelapida ruħha għandhom isiru xi xogħlijiet. Għal dan il-għan pprezentat stima ta' €4,500 mħejjija mill-Perit Mario Cassar (Dok 'MB' fol 368) bħala spiża għal xogħlijiet li jridu jsiru.

(iii) Kirja ta' post: il-Qorti tinnota illi ġew esebiti r-riċevuti relattivi għall-ewwel żewġ perjodi ta' kiri iżda għall-aħħar perjodu ma ġewx esebiti riċevuti iżda biss il-kuntratt lokatizju.

Illi l-konvenut da parti tiegħu qed jikkontesta dawn kollha. Fin-nota tiegħu li reġgħet ġiet esebita man-nota ta' sottomissjonijiet (fol 913) il-konvenut irrimarka illi kieku verament id-dar tkissret, il-perit imqabbad mill-attriċi żgur ma kienx jistmaha €221,350 meta nxtrat Lm 60,000.

Illi dwar il-kera tal-post imsemmi mill-attriċi, il-konvenut issottometta illi dan ma jistax jiġi a kariku tal-konvenut meta jitqies illi l-attriċi telqet u abbandunat id-dar matrimonjali mingħajr raġuni.

Illi l-Qorti tqies illi t-talba tal-attriċi għal danni u kumpens fiċ-ċirkostanzi ma għandhom ebda fondament ġuridiku; il-kreditu tal-ġenituri huwa tagħhom u mhux tal-attriċi filwaqt li t-talbiet l-oħra ma jistgħux ikunu akkolti għaliex ma jirriżultawx pruvati.

## ASSI PARAFERNALI

Illi b'referenza għas-sitt talba attriċi, l-istess attriċi ssottomettiet illi mill-provi u dan mingħajr ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut, l-attriċi rċeviet gratuwitament mingħand il-ġenituri tagħha l-ammont ta' Lm45,211.93 [2] ekwivalenti għal €105,315.47, u dan kif jirriżulta *inter alia* mid-dokumenti esebiti minn fol 84 sa fol 117 tal-proċess, liema somma ntużat mill-attriċi sabiex titħallas parti mill-ispejjeż kapitali għall-akkwist tal-proprjetajiet immobbli illi kellhom jew għandhom il-partijiet[3], sabiex jitħallsu spejjeż varji oħrajn relatati mal-istess immobbli u sabiex jitħallsu spejjeż oħra relatati mal-ħajja.

Illi *ai termini* tal-artikolu 1320(e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta,

*"Fil-komunjoni tal-akkwisti ... kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kollha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni."*

Illi l-attriċi għaldaqstant issottomettiet illi l-ammont ta' Lm45,211.93 [4] ekwivalenti għal €105,315.47 hawn fuq imsemmija tikkostitwixxi somma parafernali jappartjenu lilha u l-konvenut għandu jiġi ordnat irodd lura lill-attriċi.

Illi da parti l-konvenut jissottometti illi (fol 906):

---

2 vide paġna numru 6 tal-*affidavit* tal-attriċi
3 vide f'dan ir-rigward fol. 367 u fol 496 u 497 għal rendikont dwar l-ispiża kapitali għall-akkwist tal-immobbli
4 vide paġna numru 6 tal-*affidavit* tal-attriċi

*"Illi dwar l-ammont ta' mija u ħamest elef, tliet mija u ħmistax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu, (€105,315.47) li l-attriċi qed tgħid li ngħataw lilha mill-ġenituri tagħha, għandu jingħad illi fl-ewwel lok ma nġabitx prova sufficjenti ta' din l-allegazzjoni. Il-ġenituri tagħha stess ma kkonfermawx dak li qed jingħad mill-attriċi u għalhekk fattwalment din l-allegazzjoni ma tirriżultax pruvata. F'kull każ pero', dato ma non concesso li l-ġenituri tal-attriċi avvanzaw xi flus lill-partijiet, dawn avvanzawhom liż-żewġ partijiet ugwalment u mhux lill-attriċi biss. Tant hu hekk illi l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha stess tindika li dawn il-flejjes ingħataw sabiex titħallas l-ispiża kapitali relatati mal-fond matrimonjali. Illi għalhekk mhuwiex il-każ illi l-esponent irodd lura din is-somma kif qed tippretendi l-attriċi. L-esponent jiċħad kategorikamet dak allegat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi, u ċjoe' li mhux qed jikkontesta tal-attriċi dwar dawn il-flus.*

*Illi f'kull każ, u bla preġudizzju għal dak appena premess, anke jekk dina l-Onorabbli Qorti ssib li din is-somma hija dovuta lill-attriċi fl-intier tagħha, l-esponent jitlob illi din is-somma tittieħed mir-rikavat tal-bejgħ matrimonjali, u mhux jiġi kkundannat separatament sabiex iħallas l-istess. Dan dejjem bla preġudizzju għal dak li għadu kemm intqal fil-paragrafu preċedenti.*

*Illi bla preġudizzju wkoll għandu jingħad, illi jekk dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-esponent iħallas is-somma mitluba mill-attriċi, l-esponent jitlob li minn din is-somma jitnaqqsu nofs kull ħlas li l-esponent għamel għad-dar matrimonjali, qabel u waqt il-kawża, senjatament il-pagament tas-self bankarju, li ġew spjegati aktar qabel."*

Illi l-konvenut in kontro-eżami fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015 (fol 892) jixhed hekk f'dan ir-rigward:

*"Naqblu li missierha tana l-flus fiż-żwieġ bħala donazzjoni. Lil missier l-attriċi nafu u naf li huwa _______ (omissis). Kont inkellmu bl-Ingliż għax kien jitgħallem l-Ingliż. Tana l-flus u peress li ma talabnix niffirma kuntratti jien għalija donazzjoni. Jien qatt ma tlabt flus iżda meta ġiet l-attriċi bil-flus biex nixtru dar xtrajniha. Tana Lm30,000 u meta ġibnihom għamilnihom bonds f'ismi u f'isimha mal-HSBC.*

*Mistoqsi jekk kienx veru li konna rċevejna ammonti oħra mill-ġenituri tagħha għal xi xogħlijet ulterjuri ngħid li konna nġemmgħu u l-finanzi kollha f'idejha. Jien kont nagħti kollox lilha u jekk tgħidli li nistgħu nagħmlu xi ħaġa konna nagħmluha. Meta bnejna l-bejt konna spiċċajna l-furnishings mill-pocket money tiegħi. Jien qatt ma żammejt riċevuti għax ma kontx nistenna dawn il-proċeduri. Mistoqsi jekk kienx hemm flus oħra barra li konna nġemmgħu ngħid li l-attriċi taf tgħid aħjar minni – iżda li naf biċ-ċert kien Lm30,000 mingħand il-ġenituri tagħha.*

*Mistoqsi jekk nafx li kien hemm xi donazzjoni ulterjuri mingħand il-ġenituri tal-attriċi ngħid li naf li kienet semmiet li kien tana xi ħaġa imma ma nafx kemm."*

Illi jidher illi l-konvenut jammetti illi l-ġenituri tal-attriċi verament taw dawn il-flus lill-partijiet iżda huwa qed jikkontendi illi dawn kienu donazzjoni da parti tagħhom favurihom. Il-Qorti pero' hija tal-fehma li din kienet donazzjoni **lill-attriċi** u allura hija proprjeta' parafernali tagħha li għandha tiġi restitwita.

Illi b'referenza għas-sitt u s-seba' talba konvenuta, l-attriċi tissottometti u l-Qorti taqbel magħha illi ma rriżulta minn

imkien mill-provi illi l-attriċi għandha fil-pussess tagħha xi beni parafernali tal-konvenut jew li hemm xi pretensjonijiet parafernali tal-konvenut illi għandhom jiġi likwidati a favur tal-istess konvenut, b'dan illi konsegwentement talbet illi din it-talba konvenuta tiġi miċħuda.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talbiet attriċi:**

1) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba *stante* l-ħall taż-żwieġ ġja' deċiż;**

2) **Tordna lill-konvenut iħallas manteniment mensili ta' €240 fix-xahar għall-minuri D B;**

3) **Taffida l-kura u kustodja tal-istess minuri lill-attriċi b'dan li l-konvenut ikollu aċċess kif indikat fid-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Ġunju 2014;**

4) **Tilqa' r-raba' talba;**

5) **Tilqa' l-ħames talba u tordna l-bejgħ tal-fond matrimonjali msemmi a bażi tal-prezz ta' €280,000 b'dan li r-rikavat jinqasam indaqs wara li l-attriċi tiġi rifuża s-somma ta' *mija u ħamest elef, tliet mija u ħmistax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu, (€105,315.47)* bħala assi parafernali tagħha** *(talba numru 6)* **li pero' minnhom għandu jitnaqqas is-somma ta' €13,621.44 kif ġja' ssemma; il-konvenut jiġi assenjat il-Vettura Daihatsu Terios numru ta' reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)* u l-mutur Kawasaki ; filwaqt li l-attriċi l-Vettura Toyota Vitz numru ta' reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)*; il-kontijiet bankarji fuq indikati u oħrajn li jistgħu jkun hemm f'isem il-**

**partijiet waħedhom jew konġuntivament jinqasmu kif ġja' msemmi, u ċjoe' f'ishma ugwali ħlief għaż-żewġ kontijiet li l-attriċi għandha ma terzi li għandu jinqasam billi nofs dak il-kont jinqasam indaqs; l-oġġetti mobbli ndikati a fol 911 u 912 tal-proċess u l-polza tal-assikurazzjoni għandhom jinbiegħu fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet u r-rikavat jinqasam ukoll b'mod ugwali;**

**7) Tilqa' s-seba' talba;**

**Illi kwantu għall-kontro-talba;**

**Tilqa' r-raba' talba filwaqt li tilqa' t-talbiet l-oħra biss sa fejn kompatibbli mal-akkoljiment tat-talbiet attriċi, u tiċħadhom fejn ma humiex.**

**L-ispejjeż jiġu sopportati kwantu għal żewġ terzi mill-konvenut u terz mill-attriċi.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |